# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Illum, il-Ġimgħa, 30 ta' Ġunju 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 5/2023 BS**

**Anthony Bajada; Frances Bajada; Carmela Calleja; Josephine Pisani; Angelo Bajada; George Bajada, Elizabeth Bajada fil-kwalità tagħha ta' kuratur tal-interdett żewġha Paul Bajada; Jessica Bajada; u Janice Micallef Bajada**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku Għal Għawdex**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. ILLI ir-rikorrenti [sic] huma l-uniċi qraba ħajjin tal-mejjet Paolo Abela, li kien jiġi l-bużnannu tagħhom; ir-rikorrenti Jessica Bajada u Janice Micallef Bajada huma

ulied il-mejjet John Bajada, li kien ħu r-rikorrenti l-oħra;

2. ILLI l-imsemmi defunt miet nhar il-ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elf, disa' mija u wieħed u tletin (1931) kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt, liema ċertifikat iġib in-numru ħamsa u tletin żbarra elf, disa' mija u wieħed u tletin (35/1931) li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala dokument 'A';

3. ILLI jirriżulta żball fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Paolo Abela, stante li fil-kolonna ***'Jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel*** **jew** ***armla'*** qiegħed imniżżel bħala ***'BACHELOR'*** meta fil-fatt l-istess Paolo Abela kien miżżewweġ lil Maria Abela;

4. ILLI dan il-fatt jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' bejn Paolo Abela u Maria Abela, liema ċertifikat iġib in-numru ħamsa u għoxrin żbarra elf, tmien mija u tlieta u disgħin (25/1893) li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala dokument 'B';

5. ILLI ż-żwieġ ta' bejn Paolo Abela u Maria Abela jirriżulta ukoll [sic] miċ-ċertifikat tal-mewt ta' Maria Abela (anness bħala dokument 'C'), fejn fil-kolonna '*Jekk hux miżżewweg/miżżewġa jew le, armel jew armla*' qiegħda imniżżla [sic] 'WIFE OF PAOLO'; Illi Maria Abela mietet fis-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elf, disa' mija u erba' (1904), u ċioè qabel Paolo Abela;

6. ILLI r-rikorrenti sabu diffikultà meta ġew biex jaqsmu l-wirt tal-mejjet Paolo Abela u għalhekk jeħtieġ li ssir korrezzjoni fiċ-ċertifikat tal-mewt bin-numru 35/1931 billi fil-kolonna '***Jekk*** **hux miżżewweġ/miżżewġa** ***jew le, armel jew armla'*** il-kelma 'BACHELOR' tkun

ikkanċellata u minflok tiġi sostitwita bil-kliem ***'WIDOWER OF* MARIA *ABELA'*** *u*/jew ***'ARMEL TA'* MARIA *ABELA***';

7. ILLI l-atturi iridu [sic] illi jsiru d-debiti korrezzjonijiet fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Paolo Abela fis-sens fuq spjegat sabiex tali ċertifikat jkun jirrispekkja l-verità;

8. ILLI r-rikorrenti bl-ebda mod ma huma responsabbli għal tali żball u għalhekk m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-proċeduri;

9. ILLI din il-kawża qed issir minn l-atturi kollha u qed tiġi kkonfermata bil-ġurament minn l-attriċi Frances Grima li għandha konoxxenza vera u proprja tal-fatti in kawża.

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tiddikjara illi l-att tal-mewt bin-numru ħamsa u tletin żbarra elf, disa' mija u wieħed u tletin (35/1931) relattiv għal mewt ta' Paolo Abela huwa skorrett, billi l-istess Paolo Abela kien fil-fatt miżżewweġ lil Maria Abela mhux bħalma ġie erronjament indikat fiċ-ċertifikat tal-mewt sureferit;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex fiċ-ċertifikat tal-mewt numru 35/1931 ta' Paolo Abela jagħmel korrezzjoni fejn taħt il-kolonna ***'Jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla'*** tkun ikkanċellata il-kelma 'BACHELOR' u minflok tiġi sostitwita bil-kliem ***'WIDOWER OF MARIA ABELA'*** u/jew ***'ARMEL TA' MARIA ABELA***';

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex jagħmel korrezzjoni f'ċertifikati oħra relattivi, jekk ikun il-każ, li jistgħu jirriżultaw fil-mori ta' din il-kawża;

4. Alternattivament, u jekk kemm-il darba l-korrezzjoni hawn fuq mitluba ma tkunx possibbli, tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex jagħmel annotazzjoni fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Paolo Abela (35/1931) sabiex jiġi rifless il-fatt illi huwa kien miżżewweġ mill-Maria Abela [sic];

5. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex jagħmel l-annotazzjonijiet kollha l-oħra meħtieġa f'ċertifikati u/jew dokumenti pubbliċi oħra relattivi, jekk ikun il-każ, li jistgħu jirriżultaw fil-mori ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż kollha u fl-inġunzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex minn issa għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponenti mhux qiegħed jopponi għall-ewwel, it-tieni u r-raba' talba tar-rikorrenti sakemm jipprovdi provi tal-fatti esposti fir-rikors promotur u għalhekk qiegħed jirrimetti ruħu għas-salv ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. ILLI bla ħsara għall-premess, fir-rigward tat-tielet u l-ħames talba tar-rikorrenti, fejn qed jintalab li t-tibdil rikjest jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili ieħor relattiv għall-istess Paolo Abela, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni

tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna, u fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, **liema atti jridu jiġu [i]ndikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom.** Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s- sena ta' kull att relattiv;

3. ILLI mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li ġew dikjarati fir-rikors u fid-dokumenti hemm mehmuża;

4. ILLI l-esponenti m'għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti, peress li t-talbiet tar-rikorrenti mhumiex attriwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir da parti tiegħu;

5. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti senjatament l-estratt veru mill-Att taż-Żwieġ bin-numru 25/1893, kif ukoll l-estratt veru mill-Att tal-mewt numru 353/1904 , esibiti bħala Dok. B u Dok. C mar-rikors ġuramentat;

**Rat** ukoll li d-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern u ġurnali lokali saret;

**Rat** li fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2023 l-atturi irtiraw it-tielet u l-ħames talbiet u li ma għandux aktar provi xi jressaq;

**Rat** ukoll li fl-istess seduta l-konvenut irrimetta ruħu għall-provi u l-kawza ġiet differita għas-sentenza tal-lum;

**Fliet** l-atti kollha;

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-atturi kif indikat fir-rikors qed jagħmlu din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Huma jgħidu li fiċ-ċertifikat tal-mewt Paolo Abela li huwa l-bużnannu tagħhom huwa jidher illi miet ġuvni meta fil-fatt huwa kien miżżewweġ lil Maria Xiberras u li din mietet qablu fl-1904 u għalhekk huwa kien armel meta miet u mhux għażeb. L-atturi għalhekk qed jitolbu korrezzjoni fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' Paolo Abela.

Kif jirriżulta mill-atti d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi senjatament mill-affidavits ippreżentati kif ukoll mid-dokumenti esibiti jirriżulta bl-aktar mod ċar illi Paolo Abela kien fil-fatt miżżewweg lil Maria Xiberras. Dawn iżżewgu fil-15 ta' April, 1893. Maria Abela mbagħad mietet qabel Paolo u għalhekk dan spiċċa armel. Madankollu fiċ-ċertifkat tal-mewt tiegħu huwa erronjament indikat bħala għażeb u għalhekk il-korrezzjoni mitluba hija ġustifikata.

Rigward it-tielet u l-ħames talbiet dawn ġew irtirati mill-atturi u għalhekk il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Billi ma jirriżultax li l-iżball huwa tort ta' xi waħħda mill-partijiet fil-kawża l-ispejjeż ser jibqgħu bla taxxa.

**DECIDE:**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet u l-ħames talbiet għax irtirati u tar-raba' talba in kwantu alternattiva għat-tieni talba tilqa' l-bqija tat-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara illi l-att tal-mewt ta' Paolo Abela bin-numru ħamsa u tletin żbarra elf disa' mija u wieħed u tletin (35/1931) huwa skorrett, billi huwa kien fil-fatt miżżewweġ lil Maria Abela mhux bħalma ġie erronjament indikat fiċ-ċertifikat tal-mewt;

2. Tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex sabiex fiċ-ċertifikat tal-mewt numru 35/1931 ta' Paolo Abela jagħmel korrezzjoni fejn taħt il-kolonna ***'Jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla'*** tkun ikkanċellata il-kelma 'BACHELOR' u minflok tiġi sostitwita bil-kliem ***'WIDOWER OF MARIA ABELA'*** u/jew ***'ARMEL TA' MARIA ABELA'***.

L-ispejjeż tal-kawża għandhom ikunu mingħajr ebda taxxa bejn il-partijiet.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**